**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**
**(Att dwar it-Taxxa fuq l-Income - Kap.123 tal-Liġijiet ta' Malta)**
**(Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa - Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 82/2020VG**

**Moderate Limited**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**Illum 4 ta' April 2022**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ippreżentat mis-soċjetà Moderate Limited fid-9 ta' Ottubru 2020 permezz ta' liema titlob li t-Tribunal iħassar għal kollox u *in toto* d-deċiżjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi li a bażi tagħha, permezz ta' Avviż ta' Talba Għall-Ħlas datat 15 ta' Settembru 2020, hija ġiet interepellata tħallas is-somma ta' €100,495 bħala taxxa, taxxa addizzjonai w interessi, bl-ispejjeż kontra l-Kummissarju tat-Taxxi;

Ra l-Avviż ta' Talba Għall-Ħlas datat 15 ta' Settembru 2020 anness mar-Rikors promotur markat Dok. "X" a fol. 2 tal-proċess;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' liema jopponi għat-talba tas-soċjetà Rikorrenti u jitlob li l-istess tiġi miċħuda, bl-ispejjeż kontra tagħha, in bażi għas-segwenti raġunijiet: (i) in linea preliminari, il-proċeduri istitwiti mis-soċjetà Rikorrenti huma rriti u nulli stante li l-ġbir ta' taxxa, bħal kwalunkwe dejn ieħor, huwa regolat mill-Liġi Ċivili u l-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma tistax tiġi estiża għal vertenzi bħal dik odjerna. B'dawn il-proċeduri s-soċjetà Rikorrenti qed tikkontesta Avviż ta' Talba għall-Ħlas maħruġ ai termini ta' l-Artikolu 44(2A)(ċ) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta, kontestazzjoni din li ma taqax taħt il-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva; (ii) subordinatament u mingħajr preġudizzju, it-talbiet tas-soċjetà Rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont mitlub permezz ta' l-Avviż ta' Talba Għall-Ħlas datat 15 ta' Settembru 2020 għas-snin ta' stima 2012 u 2013 huwa dak dikjarat mis-soċjetà Rikorrenti tramite l-formoli tat-taxxa mibgħuta minnha stess b'mod elettroniku fit-22 ta' Awwissu 2013 u fl-20 ta' Novembru 2014 u l-ammont mitlub permezz ta' l-imsemmi Avviż ta' Talba Għall-Ħlas għas-snin ta' stima 2014 sa' 2019, huwa bbażat fuq stima (*estimation*) tal-Kummissarju tat-Taxxi stante li s-soċjetà Rikorrenti ma bgħatetx il-formoli tat-taxxa tagħha hekk kif obbligata tagħmel ai termini ta' l-Atti dwar it-Taxxi;

Ra li fid-dawl ta' l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi, ġiet ordnata l-inverżjoni tal-provi, b'dana li jibda l-ewwel bil-provi l-Kummissarju tat-Taxxi, limitatament għal din l-istess eċċezzjoni[1];

Ra l-affidavit ta' Emanuel Mangion, rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, u d-dokumenti annessi miegħu esebiti mill-istess Kummissarju tat-Taxxi, markati bħala Dok. "A" u Dok. "EM1" u Dok. "EM2", permezz ta' Nota ppreżentata fl-14 ta' Mejju 2021 a fol. 21 sa' 25 tal-proċess u sema' x-xhieda ta' Emanuel Mangion mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Lulju 2021[2];

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidra:**

Permezz ta' Avviż ta' Talba Għall-Ħlas datat 15 ta' Settembru 2020[3], il-Kummissarju tat-Taxxi interpella lis-soċjetà Rikorrenti tħallas is-somma komplessiva ta' **€100,495** bħala taxxa, taxxa addizzjonali w interessi għas-snin ta' stima 2012 sa' 2019, l-imsemmija snin ta' stima inklużi. Bil-proċeduri odjerni s-soċjetà Rikorrenti tikkontesta t-talba għall-ħlas avvanzata mill-Kummissarju tat-Taxxi u titlob li t-Tribunal iħassar *in toto* d-deċiżjoni tal-Kummissarju li a bażi tagħha avvanza tali interpellazzjoni għall-ħlas. Hija tibbaża t-talba tagħha fuq il-premessa li ebda ammont ta' taxxa ma huwa minnha dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi stante li ilha *wieqfa mingħajr ma kienet qed topera għal dawn l-aħħar għaxar snin cirka u konsegwentement mhux talli ma hemm ebda dħul taxxabbli iżda addirittura ma kien hemm ebda dħul ta' xejn.*

Il-Kummissarju tat-Taxxi jopponi għat-talba tas-soċjetà Rikorrenti u jitlob li l-istess tiġi miċħuda in bażi għas-segwenti raġunijiet: (i) in linea preliminari, il-proċeduri istitwiti mis-soċjetà Rikorrenti huma rriti u nulli stante li l-ġbir ta' taxxa, bħal kwalunkwe dejn ieħor, huwa regolat mill-Liġi Ċivili u l-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma tistax tiġi estiża għal vertenzi bħal dik odjerna. B'dawn il-proċeduri s-soċjetà Rikorrenti qed tikkontesta Avviż ta' Talba għall-Ħlas maħruġ ai termini ta' l-Artikolu 44(2A)(ċ) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta, kontestazzjoni din li ma taqax taħt il-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva; (ii) subordinatament u mingħajr preġudizzju, it-talbiet tas-soċjetà Rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont mitlub permezz ta' l-Avviż ta' Talba Għall-Ħlas datat 15 ta' Settembru 2020 għas-snin ta' stima 2012 u 2013 huwa dak dikjarat mis-soċjetà Rikorrenti tramite l-formoli tat-taxxa mibgħuta minnha stess b'mod elettroniku fit-22 ta' Awwissu 2013 u fl-20 ta' Novembru 2014 u l-ammont mitlub permezz ta' l-imsemmi Avviż ta' Talba Għall-Ħlas għas-snin ta' stima 2014 sa' 2019, huwa bbażat fuq stima (*estimation*) tal-Kummissarju tat-Taxxi stante li s-soċjetà Rikorrenti ma bgħatetx il-formoli tat-taxxa tagħha hekk kif obbligata tagħmel ai termini ta' l-Atti dwar it-Taxxi.

B'din id-deċiżjoni qed tiġi trattata u deċiża l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi.

Mill-affidavit ta' Emanuel Mangion[4], li oltre d-dokumenti esebiti minnu u l-kontro-eżami tiegħu huwa l-unika prova li tressqet f'dawn il-proċeduri, jirriżulta li l-Avviż ta' Talba għall-

[1] Vide verbal tas-seduta tal-21 ta' Jannar 2021.
[2] Fol. 28 sa' 32 tal-proċess.
[3] Dok. "X" a fol. 2 tal-proċess.
[4] Dok. "A" a fol. 22 tal-proċess.

Ħlas fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti nħareġ għaliex *Moderate Limited iddikjarat id-dħul tagħha għas-snin 2012 u 2013 tramite l-formoli tat-taxxa mibgħuta minnha b'mod elettroniku fit-22 ta' Awwissu 2013 u fl-20 ta' Novembru 2014 rispettivament iżda, baqgħet ma ħallsitx l-ammont ta' taxxa dikjarat u dovut lill-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi a bażi ta' l-istess dikjarazzjonijiet. Ngħid illi l-istess kumpannija naqset milli tibgħat il-formoli tat-taxxa tagħha għas-snin ta' stima 2014 u 2019, għalhekk l-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi ħareġ stimi (estimations) fir-rigward ta' l-istess kumpannija.*

Is-soċjetà Rikorrenti ma ċaħditx u lanqas ressqet ebda prova kontra l-fatt li għas-snin ta' stima 2012 u 2013 hija ssottomettiet b'mod elettroniku l-formoli ta' taxxa tagħha iżda baqgħet ma ħallsitx it-taxxa minnha stess dikjarata u lanqas ċaħdet li għas-snin ta' stima 2014 sa' 2019 ma ssottomettietx il-formoli tat-taxxa tagħha, anzi targumenta li matul dawk is-snin hija ma kenitx qed topera u allura ma kellha ebda dħul, wisq inqas dħul taxxabbli, x'tiddikjara.

Ai termini ta' l-Artikolu 35(1) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta *kull persuna illi, aggravata bi stima magħmula dwarha, ma tkunx ftehmet mal-Kummissarju kif maħsub fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 33 tista' tagħmel, fi żmien tletin ġurnata wara d-data tan-notifika lilha ta' avviż tar-rifjut tal-Kummissarju li jemenda l-istima kif mixtieq, appell kontra dik l-istima lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva.* Minn dan il-provvediment tal-Liġi joħroġ ferm ċar li l-kompetenza tat-Tribunal hija fir-rigwarda ta' **stimi** maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront ta' *taxpayer*.

Il-ħruġ ta' stimi mill-Kummissarju tat-Taxxi għas-sena ta' stima 1999 u għas-snin ta' stima sussegwenti huwa regolat bl-Artikolu 31 tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta. Is-**subartikolu (1)** ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi jipprovdi li *meta persuna tkun bagħtet prospett ta' l-income skond l-artikolu 10 li jinkludi stima personali għas-sena ta' stima 1999 jew għal xi sena ta' stima sussegwenti, il-Kummissarju għandu jiddetermina l-income taxxabbli, it-taxxa li għandha titħallas fuqu u t-taxxa li għandha titħallas, jew li għandha titħallas lura lil dik il-persuna għal dik is-sena ta' stima f'dawk l-ammonti indikati minn dik il-persuna fl-istima personali, billi jsiru dawk il-korrezzjonijiet aritmetici li jkunu meħtieġa fuq il-bażi ta' l-informazzjoni li jkun hemm f'dak il-prospett.* Is-**subartikolu (3)** ta' l-istess imsemmi artikolu tal-Liġi jipprovdi li *meta persuna ma tkunx bagħtet prospett ta' l-income għas-sena ta' stima 1999 jew għal xi sena sussegwenti u ma tkunx għamlet għażla taħt l-artikolu 12 jew, għalkemm tkun għamlet għażla bħal dik hija, wara li jkun ingħatalha avviż mill-Kummissarju sabiex tagħmel prospett kif provdut fl-artikolu 13, tonqos milli tippreżenta l-prospett, u l-Kummissarju jkun tal-fehma li dik il-persuna tkun suġġett għall-ħlas tat-taxxa, huwa jista' jiddetermina l-ammont tat-taxxa li għandha titħallas minn dik il-persuna għal dik is-sena ta' stima fuq il-bażi ta' kalkolu li jsir b'dak il-mod u b'dak il-metodu kif il-Kummissarju jqis li jkun xieraq mingħajr preġudizzju għal xi responsabbiltà xort'oħra mġarrba minn dik il-persuna minħabba fin-nuqqas jew it-traskuraġni tiegħu li jibgħat prospett.* **Is-subartikolu (3A)** ta' dan l-artikolu tal-Liġi jipprovdi li *meta tkun saret stima* (fit-test Ingliż *estimate*) *fiċ-ċirkostanzi msemmija fis-subartikolu (3) u l-prospett ikun għadu ma ġiex ikkunsinnat, il-Kummissarju jista' jagħmel stima taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (5) fuq il-persuna involuta, mingħajr il-ħtieġa li jkun qabel avża lil dik il-persuna li tkun qed issir inkjesta dwar id-dikjarazzjonijiet ta' taxxa li jagħmel u kull passiv li jkollu.* Is-**sub-artikolu (5)** ta' l-istess artikolu tal-Liġi jipprovdi li: *meta l-Kummissarju jkun jidhirlu li t-taxxa li għandha titħallas minn persuna għas-sena ta' stima 1999 jew għal xi sena ta' stima sussegwenti tkun ġiet determinata f'ammont inqas minn dak li kellu jiġi ntaxxat, il-Kummissarju jista' wara li jqis dawk il-prospetti, kotba jew provi oħra, jekk ikun hemm, li jistgħu jinġiebu quddiemu jew jinksibu minnu, skond l-aħjar ġudizzju tiegħu jagħmel stima ta' l-income taxxabbli ta' dik il-persuna, it-taxxa li għandha titħallas, jew li għandha titħallas lura lil dik il-persuna għal dik is-sena ta' stima,*

*u meta l-Kummissarju wara li jkun għamel stima jkun tal-fehma li xi taxxa tkun ġiet stmata f'ammont inqas minn dak li kellu jiġi intaxxat, huwa jista', bl-istess mod, jagħmel stima jew stimi addizzjonali…*

Għalkemm dawn il-provvedimenti kollha jittrattaw dwar kif il-Kummissarju tat-Taxxi jista' jistma t-taxxa qual' volta dovuta mit-*taxpayer*, mhux kull waħda miċ-ċirkostanzi hija meqjusa bħala stima u kwindi appellabbli quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ai termini ta' l-Artikolu 35(1) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta. Di fatti s-**subartikolu 9** ta' l-Artikolu 31 tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *determinazzjoni li ssir skond is-subartikoli (1), (2) u (3) m'għandhiex tittieħed bħala stima għal xi wieħed mill-għanijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi.*

Meta dawn il-provvedimenti tal-Liġi jiġu applikati għall-fattispecie ta' dan il-każ jirriżulta immedjatament evidenti li dan it-Tribunal ma huwiex kompetenti biex jittratta u jiddetermina l-ilment tas-soċjetà Rikorrenti u dana billi: (i) in kwantu rigwarda s-snin ta' stima 2012 u 2013, il-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi hija għall-ħlas ta' taxxa dikjarata mill-istess soċjetà fil-formoli ta' taxxa tagħha għall-imsemmija snin ta' stima, iżda li baqgħet ma tħallsitx minnha; u (ii) in kwantu rigwarda s-snin ta' stima 2014 sa' 2019, il-Kummissarju tat-Taxxi evidentement għamel determinazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 31(3) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta stante li s-soċjetà Rikorrenti ma ssottomettietx il-formoli ta' taxxa tagħha, u tali determinazzjoni ai termini tal-Liġi stess ma hijiex u ma għandhiex tiġi ikkunsidrata bħala stima ai għal xi wieħed mill-għanijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi.

Raġġunta din il-konklużjoni, u cioè li t-Tribunal ma huwiex kompetenti biex jittratta u jiddetermina t-talba avvanzata mis-soċjetà Rikorrenti bir-Rikors ippreżentat fid-9 ta' Ottubru 2020, it-Tribunal iħoss li għandu jiddetermina jekk hemmx lok għall-applikazzjoni ta' l-ewwel *proviso* ta' l-Artikolu 741(b) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Artikolu 741(b) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-qorti tista' tingħata … (b) meta, għalkemm ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta, il-kawża tinġieb quddiem qorti diversa minn dik li għandha tieħu konjizzjoni tagħha: Iżda jekk il-qorti tikkunsidra li l-eċċezzjoni hi ġustifikata, il-qorti għandha, permezz ta' Digriet in camera, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proċeduri jiġu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li għandhom jieħdu konjizzjoni ta' dik il-kawża.*

Fil-każ in eżami t-Tribunal ma jqisx li l-imsemmi provvediment tal-Liġi jsib applikazzjoni fil-każ in eżami u dana billi sa' dan l-istadju - ossia sa' l-istadju tal-ħruġ ta' l-Avviż tat-Talba għall-Ħlas - il-Kummissarju tat-Taxxi għadu ma iddeduċiex il-pretensjonijiet tiegħu fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti quddiem il-Qrati ta' kompetenza ċivili. In fatti biex dan iseħħ, hekk kif provdut fl-Artikolu 44(1) u (2A) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Kummissarju tat-Taxxi jrid iressaq il-pretensjonijiet tiegħu fil-konfront tat-*taxpayer* permezz ta' att ġudizzjarju. Fil-fehma tat-Tribunal huwa se mai f'dak l-istadju li tiskatta l-kompetenza tal-Qrati Ċivili u ċertament mhux qabel. Hawn it-Tribunal irid jagħmilha ċara li mhux qed jidħol fil-kwistjoni dwar jekk is-soċjetà Rikorrenti għandhiex o meno pretensjonijiet u oġġezzjonijiet kontra t-talba għall-ħlas tal-Kummissarju tat-Taxxi li jistgħu jintlaqgħu b'suċċess mill-Qorti ta' kompetenza ċivili imma sempliċement qed jgħid li f'dan l-istadju tal-vertenza bejn is-soċjetà Rikorrenti u l-Kummissarju tat-Taxxi, il-każ in eżami ma jistax u ma għandux jiġi trasmess lill-Qorti ta' kompetenza ċivili.

Apparte minn hekk u partikolarment in kwantu rigwarda s-snin ta' stima 2014 sa' 2019, mill-affidavit ta' Emanuel Mangion joħroġ ċar x'tista' tagħmel is-soċjetà Rikorrenti biex jiskatta l-mekkaniżmu għall-aġġustament ta' l-istimi (*estimations*) determinati fil-konfront tagħha, u cioè billi tissottometti l-formoli ta' taxxa tagħha għall-imsemmija snin ta' stima għall-fini li tiddikjara d-dħul tagħha skond il-Liġi.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat jirriżulta li t-Tribunal huwa tenut jastjeni milli jieħu konjizzjoni tat-talbiet tas-soċjetà Rikorrenti.

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal, filwaqt li jilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-Kummissarju tat-Taxxi, jiddikjara li ma huwiex kompetenti biex jittratta u jiddetermina t-talba avvanzata mis-soċjetà Rikorrenti bir-Rikors ippreżentat fid-9 ta' Ottubru 2020 u għaldaqstant jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri ta' l-istess imsemmi Rikors.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mis-soċjetà Rikorrenti.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**